



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A9-0045/2023**

6.3.2023

# RAPPORT

dwar rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill u lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà li tinkludi rendikont tal-funzjonament tas-SEAE u favur UE aktar b'saħħitha fid-dinja  
(2021/2065(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Rapporteur: Urmas Paet

**WERREJ**

	<b>Paġna</b>
ABBOZZ TA' RAKKOMANDEZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	3
INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .....	19
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	20

## ABBOZZ TA' RAKKOMANDEZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

### **lill-Kunsill u lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà li tinkludi rendikont tal-funzjonament tas-SEAE u favur UE aktar b'saħħitha fid-dinja (2021/2065(INI))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 21(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), li jistipula li r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà jeħtiegħu jassisti lill-Kunsill u lill-Kummissjoni fl-iżgurar tal-konsistenza bejn l-oqsma differenti tal-azzjoni esterna tal-Unjoni,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 21(1) tat-TUE, li jistipula li l-azzjoni tal-Unjoni fix-xena internazzjonali trid tkun iggwidata mill-prinċipji li ispiraw il-ħolqien, l-iżvilupp u t-tkabbir tagħha u li hija tfittex li tippromwovi fil-bqija tad-dinja,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 26(2) tat-TUE, li jipprevedi li l-Kunsill u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà jeħtiegħom jiżguraw l-unità, il-konsistenza u l-effettività tal-azzjoni mill-Unjoni,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 35 tat-TUE, li jiddikjara li l-missjonijiet diplomatiċi u konsulari tal-Istati Membri u tad-delegazzjonijiet tal-Unjoni jridu jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tad-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni għall-protezzjoni fit-territorju ta' pajjiżi terzi,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 36 tat-TUE, li jiddikjara li r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà jeħtiegħu jikkonsulta regolarment lill-Parlament dwar l-aspetti ewlenin u l-għażliet bażiċi tal-politika estera u ta' sigurtà komuni u tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni, jinfurmah dwar kif jevolvu dawk il-politiki u jiżgura li l-fehmiet tal-Parlament jitqiesu kif xieraq,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 42 tat-TUE, li jagħti lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà setgħat li jagħmel proposti fil-qasam tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni, inkluż li jagħti bidu għal missjonijiet, bl-użu ta' riżorsi kemm nazzjonali kif ukoll tal-Unjoni,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 167(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jiddikjara li l-Unjoni għandha tinkoraġġixxi l-koperazzjoni bejn l-Istati Membri u, jekk jinħtiegħ, tappoġġa u tissupplimenta l-azzjoni tagħhom biex iqajmu kuxjenza u jxerrdu l-kultura u l-istorja tal-popli Ewropej, jikkonservaw u jissalvagwardjaw il-wirt kulturali Ewropew sinifikanti u jrawmu skambji kulturali li mhumiex ta' natura kummerċjali, u l-kreazzjoni artistika u letterarja, inklużi dawk fis-settur awdjoviżiv,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 167(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jgħid li l-Unjoni u l-Istati Membri jridu jinkoraġġixxu l-koperazzjoni ma'

pajjiżi terzi u mal-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti fl-isfera tal-kultura, partikolarment il-Kunsill tal-Ewropa,

- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Lulju 2010 li tistabilixxi l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna<sup>1</sup> (minn hawn 'il quddiem id-“Deċiżjoni tas-SEAE”), u b'mod partikolari l-Artikoli 9 u 13 tagħha, li stipulat li r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà kellu jwettaq, sa nofs l-2013, rieżami tal-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-SEAE, li jkopri, fost oħrajn, l-implimentazzjoni tal-Artikoli 6(6) u 6(8) tad-Deċiżjoni tas-SEAE dwar il-bilanċ ġeografiku, akkumpanjat, jekk rilevanti, minn proposta leġislattiva li temenda d-Deċiżjoni,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà tal-14 ta' Novembru 2022,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-20 ta' Lulju 2010 mill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ) dwar ir-Responsabbiltà Politika<sup>2</sup>,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u lill-Viċi President tal-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni tat-13 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rieżami tal-2013 tal-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-SEAE<sup>3</sup>,
- wara li kkunsidra d-diskors tal-ftuħ mogħti mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Viċi President tal-Kummissjoni fil-Konferenza Annwali tal-Ambaxxaturi tal-UE tal-2022,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu tat-23 ta' Novembru 2022 lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà dwar l-istrateġija l-ġdida tal-UE għat-tkabbir<sup>4</sup>, – wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Jannar 2023 dwar l-implimentazzjoni tal-politika estera u ta' sigurtà komuni – rapport annwali 2022<sup>5</sup> u r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Jannar 2023 dwar l-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni – rapport annwali 2022<sup>6</sup>, – wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà (WPS) 2019-2024 tal-5 ta' Lulju 2019,
- wara li kkunsidra l-Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża, adottata fil-21 ta' Marzu 2022,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 118 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A9-0045/2023),

---

<sup>1</sup> ĠU L 201, 3.8.2010, p. 30.

<sup>2</sup> ĠU C 53, 3.8.2010, p. 1.

<sup>3</sup> ĠU C 65, 19.2.2016, p. 168.

<sup>4</sup> Testi adottati, P9\_TA(2022)0406.

<sup>5</sup> Testi adottati, P9\_TA(2023)0009.

<sup>6</sup> Testi adottati, P9\_TA(2023)0010.

- A. billi t-Trattati jiċċaraw li r-rwol tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) huwa li jassisti lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà/Viċi President tal-Kummissjoni u li jaħdem f'kooperazzjoni mas-servizzi diplomatiċi tal-Istati Membri<sup>7</sup>; billi s-SEAE jrid jiġi kkonsultat mill-Kummissjoni dwar kwistjonijiet relatati mal-azzjoni esterna tal-UE fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha;
- B. billi sabiex jintlaħaq l-oġettiv strateġiku li jiġi żviluppat ir-rwol ta' tmexxija globali tagħha, l-UE jeħtiġilha tkompli tiegħu rwol ta' tmexxija fit-tisħiħ tas-sħubijiet multilaterali dwar prijoritajiet globali, b'mod partikolari s-sħubija tagħha man-NU u l-kooperazzjoni komprensiva u miftuħa tagħha man-NATO, ma' pajjiżi oħra u organizzazzjonijiet internazzjonali tal-istess fehma, inkluż billi tftitex kooperazzjoni aktar komprensiva, koerenti u miftuħa man-NATO, u fil-protezzjoni u l-promozzjoni tal-libertà, tad-demokrazija, tal-istat tad-dritt u tad-drittijiet tal-bniedem globalment;
- C. billi wasal iż-żmien li jiġi rriformat it-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE, biex b'hekk isir użu sħiħ u aktar effettiv tal-istrumenti ta' setgħa ta' koerċizzjoni u ta' perswazzjoni tal-UE, inkluż bl-introduzzjoni mingħajr aktar dewmien ta' votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata (VMK) għat-teħid ta' deċiżjonijiet f'ċerti oqsma tal-politika barranija tal-UE bħas-sanzjonijiet, id-drittijiet tal-bniedem u l-protezzjoni tad-dritt internazzjonali, bl-eċċezzjoni tad-deċiżjonijiet li jniedu missjonijiet jew operazzjonijiet militari b'mandat eżekuttiv fil-qafas tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni (PSDK) li għalihom trid tkun għadha meħtieġa l-unanimità, filwaqt li jiġi żgurat ukoll li l-azzjonijiet esterni u interni tal-UE jkunu interkonnessi b'mod koerenti;
- D. billi l-UE jeħtieġ li tkompli timxi 'l quddiem lejn id-diplomazija Ewropea awtonoma u tagħha stess fl-oqsma kollha, inklużi d-diplomazija pubblika u kulturali, ekonomika, klimatika, diġitali u ċibernetika, fost l-oħrajn, immexxija minn servizz diplomatiku tal-UE li jkun sostnut minn kultura diplomatika komuni bbażata fuq perspettiva tal-UE;
- E. billi huwa ta' importanza kbira li jissaħħu r-relazzjonijiet kulturali internazzjonali u d-diplomazija kulturali tal-UE bħala pontijiet għall-promozzjoni tal-fehim reċiproku u r-relazzjonijiet madwar id-dinja, peress li dawn saru għodda diplomatika utli għall-UE u parti fundamentali mis-setgħa ta' perswazzjoni tagħha;
- F. billi l-kriżijiet ġeopolitiċi u umanitarji globali juru l-ħtieġa li l-UE tikseb informazzjoni kredibbli u diretta dwar it-theddid estern eżistenti u possibbli għall-UE, sabiex tkun tista' tirreaġixxi malajr u b'mod effikaċi, kif ukoll tipproteġi aħjar l-interessi tagħha lil hinn minnha;
- G. billi jeħtieġ li tissaħħaħ l-azzjoni esterna tal-Unjoni u s-SEAE permezz ta' strumenti u riżorsi proprji, awtonomi u permanenti tal-UE għall-affarijiet barranin, il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, u s-sigurtà u d-difiża sabiex l-Unjoni tkun attur globali sħiħ u kredibbli, kif ukoll biex tkun tista' ssegwi u tikseb aħjar l-oġettivi tagħha u tiddefendi l-valuri tagħha madwar id-dinja;
- H. billi r-rwol tas-SEAE huwa fil-qalba tal-implimentazzjoni tal-politiki barranin, tas-sigurtà u tad-difiża tal-UE u jrid juri t-triq lejn approċċ aktar komprensiv li jinkludi d-direttorati ġenerali tal-Kummissjoni bħad-Direttorat Ġenerali għas-Sħubijiet

<sup>7</sup> Artikolu 27(1) tat-TUE.

Internazzjonali (DG INTPA), id-Direttorat Ġenerali għall-Viċinat u n-Negożjati għat-Tkabbir (DG NEAR), fost l-oħrajn; billi fid-diskors tiegħu fil-Konferenza Annwali tal-Ambaxxaturi tal-UE tal-2022, il-VP/RGħ identifika nuqqasijiet fis-servizz diplomatiku tal-UE u fil-politiki esterni tal-UE b' mod ġenerali u talab li dawn jiġu indirizzati b' mod effettiv sabiex jissaħħu l-kapaċità, l-effiċjenza u l-effikaċja tal-politika tagħha; billi s-SEAE qed jiffaċċja diskrepanza bejn l-aspettattivi u l-kapaċitajiet u huwa nieqes minn setgħat ta' teħid ta' deċiżjonijiet; billi s-SEAE għandu jiġi riformat sabiex jissaħħaħ ir-rwol tal-UE bħala attur aktar proattiv u reżiljenti fi ħdan l-ordni internazzjonali;

- I. billi, skont l-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni tas-SEAE, ir-Rappreżentant Għoli jrid jiżgura koordinazzjoni politika ġenerali u l-unità, il-konsistenza u l-effikaċja tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, filwaqt li s-SEAE jeħtiegħu jikkontribwixxi għaċ-ċiklu ta' programmazzjoni u ġestjoni għall-istrumenti ta' finanzjament estern tal-UE, inkluż dwar l-allokazzjonijiet għall-pajjiżi u l-programmi indikattivi nazzjonali u reġjonali;
- J. billi l-aggressjoni militari mhux provokata, mhux ġustifikata u illegali mill-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna li bdiet fl-24 ta' Frar 2022 hija ksur sfaċċat tad-dritt internazzjonali, tal-Karta tan-NU u tal-prinċipji minqusa fl-Att Finali ta' Ħelsinki tal-1975 u tal-Memorandum ta' Budapest tal-1994, u timmina serjament is-sigurtà u l-istabbiltà Ewropej u dawk globali; billi din il-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna biddlet fundamentalment ix-xenarju tas-sigurtà fl-Ewropa, inkluż billi żiedet l-istabbiltà fil-Viċinat tal-UE; billi din ir-realtà l-ġdida tenfasizza l-ħtieġa urġenti li tingħata prijorità lill-effikaċja tal-politika estera u ta' sigurtà tal-UE billi żżid il-kapaċità tagħha li tagħxi biex tippoteġi l-valuri u l-interessi tagħna u tippromwovi l-prinċipji minqusa fl-Artikolu 21 tat-TUE; billi l-Assemblea Ġenerali tan-NU adottat diversi riżoluzzjonijiet li jikkundannaw l-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna; billi l-ġlieda kontra l-impunità fost l-uffiċjali għolja fir-Russja u atturi oħra li kkontribwew għall-gwerra ta' aggressjoni fl-Ukrajna hija vitali;
- K. billi l-bidliet fil-kuntest ġeopolitiku matul dawn l-aħħar snin, inklużi l-pandemija tal-COVID-19 u l-aggressjoni Russa fl-Ukrajna, żiedu b' mod sinifikanti t-talbiet lill-UE biex timmobilizza lill-pajjiżi sħab u tibni alleanzi reġjonali u globali madwar il-prijoritajiet strateġiċi tal-UE u, fl-istess ħin, enfasizzaw il-fehim fqir tal-perspettiva tal-UE fil-pajjiżi sħab madwar id-dinja, kif ukoll il-limiti tal-influenza politika tal-UE;
- L. billi l-UE, il-politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK) u l-PSDK tagħha huma dejjem aktar fil-mira ta' kampanji ta' diżinformazzjoni, fatt li jirrikjedi politika ta' komunikazzjoni strateġika aktar robusta mis-SEAE;
- M. billi d-determinazzjoni u r-rieda tal-Parlament li jipproteġi u jiddefendi lill-Unjoni u l-valuri u l-prinċipji li tirrappreżenta, inklużi l-prinċipji tal-integrità territorjali, is-sovranità nazzjonali u l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli, iridu jkunu akkumpanjati minn strutturi adegwati ta' teħid ta' deċiżjonijiet u istituzzjonali għad-djalogo u l-kooperazzjoni esterni u interistituzzjonali u minn rieda politika;
- N. billi l-ġestjoni tal-azzjoni esterna tal-UE għandha tiġi riformata sabiex tinkiseb kultura diplomatika komuni tal-UE, jingħeleb in-nuqqas ta' ċarezza u tiżdied il-fiduċja tal-Istati Membri billi jintuża l-ispazju pramatiku maħluq mill-kriżijiet reċenti; billi l-Artikolu 24(3) tat-TUE huwa kruċjali għall-effikaċja tal-politika esterna tal-UE peress li jobbliga

lill-Istati Membri jappoġġaw il-politika esterna u ta' sigurtà tal-Unjoni b' mod attiv u minghajn riżerva fi spirtu ta' lealtà u solidarjetà reċiproka u jappoġġaw l-azzjoni tal-Unjoni f' dan il-qasam; billi dawn ir-riformi għandhom jippermettu lill-UE tadatta għall-kuntest ġeopolitiku attwali, jiċċaraw id-diviżjoni tal-ħidma bejn ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Viċi President tal-Kummissjoni, il-President tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kummissjoni u l-kummissarji l-oħra responsabbli għar-relazzjonijiet esterni, inaqqsu r-rivalitajiet persistenti bejn is-servizzi fi ħdan il-Kummissjoni, u jiddefinixxu l-limiti u l-kompetenzi tas-SEAE, tal-Kummissjoni, tal-Kunsill u tal-istrutturi tal-Istati Membri b' mod li jirrifletti b' mod adegwat ir-rwol speċifiku mogħti lir-Rappreżentant Għoli fl-azzjoni esterna tal-UE u li jevita d-duplikazzjoni fl-azzjoni esterna tal-UE; billi hemm potenzjal għal titjib fir-relazzjoni kooperattiva tal-VP/RGħ u tas-servizz tiegħu mal-President tal-Kunsill Ewropew u l-uffiċċju tiegħu, li jista' jgħin biex tiżdied il-fiduċja tal-Istati Membri fir-rwol tal-VP/RGħ, is-SEAE u l-President tal-Kunsill Ewropew;

- O. billi l-fehim ta' kif is-soċjetajiet huma fformati u influwenzati mir-reliġjonijiet u forom oħra ta' twemmin huwa strumentali biex titqies b' mod effettiv il-libertà reliġjuża fil-politiki esterni tal-UE; billi l-Linji Gwida tal-UE dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tal-libertà tar-reliġjon jew tat-twemmin huma għodda importanti għas-SEAE f' dan ir-rigward; billi l-għarfien tad-delegazzjonijiet tal-UE u l-użu tal-Linji Gwida jistgħu jittejbu, speċjalment biex jitqiesu ċ-ċirkostanzi speċifiċi għall-pajjiż; billi evalwazzjoni formali tal-Linji Gwida mill-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (COHOM) ilha li saret;
- P. billi r-rwol u l-kapaċità tas-SEAE fid-definizzjoni tal-orjentazzjoni strateġika u fil-kontribut għall-implimentazzjoni tal-istrumenti finanzjarji esterni tal-UE għandhom jissaħħu;
- Q. billi d-daqs u l-profil tal-persunal tad-delegazzjonijiet tal-UE jridu jirriflettu l-interessi strateġiċi ġenerali tal-UE, kif ukoll l-interessi speċifiċi tal-UE fi kwalunkwe pajjiż sieħeb partikolari;
- 1. Jirrakkomanda lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà:
  - (a) jieħdu passi effettivi biex itejbu l-koordinazzjoni u l-integrazzjoni tal-politika barranija tal-UE u d-dimensjoni esterna tal-politiki interni tal-UE, b' mod partikolari l-migrazzjoni, il-kummerċ u l-enerġija; jiżguraw li l-kooperazzjoni għall-iżvilupp, il-politika kummerċjali u l-politika ta' sigurtà u ta' difiża jkunu koerenti u konsistenti mal-għanijiet ġenerali tal-PESK tal-UE u l-PSDK tal-UE, kif minquxa fl-Artikolu 21 tat-TUE u l-Approċċ Integrat tal-UE għal Kunflitti u Kriżijiet Esterni, kif ukoll il-valuri u l-prinċipji li fuqhom twaqqfet l-Unjoni;
  - (b) isaħħu l-istruttura ta' koordinazzjoni strateġika magħmula mill-kummissarji rilevanti kollha, il-VP/RGħ u s-servizzi tal-Kummissjoni u tas-SEAE biex jiżguraw il-koerenza, is-sinerġija, it-trasparenza u r-responsabbiltà tal-azzjoni esterna tal-UE, inkluż tal-istrumenti ta' finanzjament estern tagħha, politiki u programmi rilevanti oħra u l-koerenza tal-politika għall-iżvilupp;



- (c) jaċċertaw ir-rwol ewlieni tal-VP/RGħ bħala pont bejn il-PESK u r-relazzjonijiet esterni tal-UE bil-għan li jiġi żgurat l-ogħla livell ta' koordinazzjoni u koerenza fl-azzjoni esterna tal-UE, inkluż fil-kooperazzjoni mill-qrib tal-VP/RGħ mal-Kulleġġ tal-Kummissarji sabiex tiġi kkoordinata d-dimensjoni esterna tal-politiki interni tal-UE u tissaħħaħ il-koordinazzjoni tal-azzjoni esterna tal-Istati Membri;
- (d) jiżguraw li l-azzjoni u l-politiki esterni kollha tal-Unjoni jikkontribwixxu għall-obbligu bbażat fuq it-Trattat li jiġu kkonsolidati u appoġġati d-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji tad-dritt internazzjonali;
- (e) jiżguraw li s-SEAE jkollu r-responsabbiltà ġenerali u r-rwol istituzzjonali ewlieni għat-tmexxija tar-relazzjonijiet esterni kollha tal-UE, inkluż dwar id-dimensjonijiet esterni tal-politiki interni, u li r-Rappreżentant Għoli jkollu preminenza f'każ ta' differenzi fi ħdan il-Grupp ta' Kummissarji għal Ewropa Aktar b'Saħħitha fid-Dinja;
- (f) jirrevedu d-Deċiżjoni tas-SEAE bil-ħsieb li jżidu l-inflwenza tas-SEAE, isaħħu, itejbu l-għodod tiegħu u jżidu l-leġittimità tiegħu; jenfasizza li l-aġġornament imsemmi hawn fuq tad-Deċiżjoni tas-SEAE għandu jkollu l-għan li jsaħħaħ l-awtonomija tiegħu minn perspettiva tal-UE, kif ukoll li jsaħħaħ l-istruttura tas-SEAE u jżid ir-riżorsi tiegħu;
- (g) iżidu l-inflwenza u l-effikaċja tal-politika barranija tal-UE billi jiżguraw l-użu sħiħ tal-VMK għal ċerti oqsma tal-politika barranija, bħad-drittijiet tal-bniedem u l-protezzjoni tad-dritt internazzjonali, u għall-impożizzjoni ta' sanzjonijiet, u bl-eċċezzjoni ta' deċiżjonijiet li joħlqu u jbagħtu missjonijiet jew operazzjonijiet militari b'mandat eżekuttiv skont il-PSDK, li għalihom għad trid tkun meħtieġa l-unanimità, kif previst fit-Trattat; iżommu f'moħħhom li anke taħt il-VMK, l-għan għandu jkun li jintlaħaq l-aktar kunsens wiesa' possibbli u jekk possibbli l-unanimità; jesploraw għażliet oħra li jistgħu jiġu implimentati sadanittant, bħall-introduzzjoni ta' "obbligu li jinkiseb riżultat" li jirrikjedi li l-Istati Membri jkomplu jiddiskutu kwistjoni speċifika sakemm tittieħed deċiżjoni;
- (h) jippermettu lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jitkellmu b'vuċi waħda fin-NU u f'fora multilaterali oħra; filwaqt li jitfakkar li l-Parlament huwa tal-fehma li, sabiex tħares l-oġġettivi u l-interessi tagħha, l-UE għandha tfitex li tasal għal pożizzjonijiet komuni dwar kwistjonijiet quddiem il-Kunsill tas-Sigurtà permezz ta' koordinazzjoni fi ħdan il-Kunsill tal-UE u fost l-istituzzjonijiet tal-UE; itejbu l-funzjonament u l-impatt politiku tar-rappreżentanza tal-UE fl-organizzazzjonijiet internazzjonali, inkluż billi jtejbu l-ankraġġ istituzzjonali tagħhom, b'mod partikolari fi ħdan l-organi tan-NU u l-aġenziji speċjali;
- (i) jippreżentaw proposti sodi dwar kif jinkiseb u jiġi garantit sede proprju u permanenti għall-Unjoni flimkien mas-sedi tal-Istati Membri f'kull forum multilaterali, inkluż fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, sabiex jissaħħu l-irwol, il-koerenza u l-kredibbiltà tal-UE fid-dinja;
- (j) jaħdmu flimkien ma' sħab tal-istess fehma biex jindirizzaw id-dominanza ta' pajjiżi mhux demokratiċi f'xi wħud mill-aktar korpi importanti fl-organizzazzjonijiet internazzjonali, inklużi n-NU u l-aġenziji tagħha; isaħħu l-



inizjattiva diplomatika lejn l-istati kollha li astjenew jew li ma pparteċipawx fil-votazzjoni dwar ir-risoluzzjonijiet tal-Assemblea Ġenerali tan-NU tat-2 ta' Marzu u tat-12 ta' Ottubru sabiex jispjegaw is-serjeta' tal-aggressjoni Russa u l-ħtieġa ta' rispons unanimu mill-komunità internazzjonali;

- (k) jirrikonoxxu r-rwol u l-valur distinti tad-diplomazija parlamentari biex jikkomplementaw u jsaħħu l-viżibbiltà u l-impatt tal-azzjoni esterna tal-UE; jiżguraw li l-Parlament ikun inkorporat b'mod effettiv fil-politiki u l-azzjonijiet esterni kollha tal-UE bħala attur integrali tat-“Tim Ewropa”;
- (l) jikkunsidraw u jniedu riformi bil-ħsieb li l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-PSDK isiru aktar flessibbli u effiċjenti, jew billi jagħmlu użu mill-potenzjal mhux sfruttat fit-Trattati jew billi jipponu –fejn rilevanti –bidliet għat-Trattati li għandhom jiġu deċiżi f'Konvenzjoni li tagħti segwitu lill-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa;
- (m) juru flessibbiltà u kreattività sabiex jiġi evitat li dikjarazzjonijiet jew forom oħra ta' azzjoni fil-qasam tal-azzjoni esterna tal-UE jiġu ostakolati minn Stat Membru wieħed jew grupp żgħir ta' Stati Membri;
- (n) isaħħu l-għodod billi jiżviluppaw strumenti awtonomi u permanenti proprji tal-UE fl-azzjoni esterni tagħha u jallinjaw l-azzjoni esterna kollha mat-Trattati, li jiddikjaraw li l-UE jeħtiġilha tikseb livell dejjem akbar ta' konverġenza tal-azzjonijiet tal-Istati Membri, li jirrikjedi li s-SEAE jingħata rwol aktar ċar u li jasserixxi tmexxija b'mod proattiv fil-proponiment tal-iżvilupp tal-politika sabiex ikunu jistgħu jiġu fformati politiki mmexxija, definiti u implimentati abbażi ta' solidarjeta' politika reċiproka fost l-Istati Membri;
- (o) jagħmlu użu akbar mir-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem; jistabbilixxu reġim ġdid ta' sanzjonijiet iddedikat li fil-mira tiegħu jkollu l-individwi u entitajiet responsabbli għal korruzzjoni fuq skala kbira;
- (p) iżidu l-leġittimità tal-politika esterna u ta' sigurtà tal-UE billi jaħdmu aktar mill-qrib mal-Istati Membri biex irawmu l-appoġġ attiv u mingħajr riżerva tagħhom għall-politika, kif ukoll kooperazzjoni leali u solidarjeta' reċiproka f'konformità mal-prinċipji minqax fl-Artikolu 24 tat-TUE;
- (q) jappoġġaw bis-sħiħ l-impenn u l-involvement attiv tad-delegazzjonijiet tal-UE dwar il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżi terzi; jiżguraw li l-Istati Membri u l-ambaxxati tagħhom ikunu wkoll impenjati bis-sħiħ u jagħtu prijorità lill-ħarsien u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, li m'għandhomx jitwettqu biss mid-delegazzjonijiet tal-UE b'mod ġenerali;

### ***Żieda fl-influwenza***

- (r) jintegraw bis-sħiħ il-prinċipju “aktar għal aktar” fir-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi, li bihom l-UE tiżviluppa sħubijiet aktar b'saħħithom ma' dawk li jikkondividu l-prinċipji tal-PESK u tal-PSDK u l-valuri fundamentali tal-Unjoni; għall-kuntrarju, japplikaw il-prinċipju “inqas għal inqas” fir-rigward ta' pajjiżi terzi li juru nuqqas manifest ta' rispett għad-drittijiet tal-bniedem u d-dritt internazzjonali, u jadattaw

il-livell u l-intensità tal-involviment tal-UE kif xieraq, b' mod partikolari f' termini ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp, benefiċċji kummerċjali u aċċess għall-programmi tal-UE; jiżguraw l-allinjament sħiħ tal-pajjiżi kandidati mal-politika tal-PESK u s-sanzjonijiet tal-UE u jiżguraw li s-sanzjonijiet tal-UE ma jkunux jistgħu jiġu evitati;

- (s) iqisu, meta jistabbilixxu allokkazzjonijiet finanzjarji fl-ipprogrammar tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI)-Ewropa Globali u l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III), ir-rekord tal-pajjiżi sħab fl-implimentazzjoni tal-ftehimiet u l-impenji internazzjonali, inkluż l-Aġenda 2030, il-konvenzjonijiet internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-Ftehim ta' Pariġi, kif ukoll ir-rispett tagħhom, għal kwalunkwe relazzjoni kuntrattwali mal-Unjoni, u jaħdmu lejn l-iżvilupp ta' sħubijiet u alleanzi aktar b'saħħithom ma' pajjiżi li jikkondividu l-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-UE u jikkontribwixxu għal multilateraliżmu bbażat fuq ir-regoli;
- (t) jadattaw l-istruttura tas-SEAE sabiex jiżviluppa prijoritajiet strateġiċi u jkun jista' jmxexxi l-azzjoni tal-UE, inkluża l-politika l-ġdida tat-tkabbir, it-theddid kibernetiku u ibridu u d-diżinformazzjoni, l-iżvilupp ta' strumenti ta' difiża u sfidi emerġenti oħra fid-dawl tal-iżviluppi ġeopolitiċi fundamentali li għaddejjin bħalissa bħal – b' mod partikolari – il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna; jallokaw ir-riżorsi skont dawn il-prijoritajiet, filwaqt li jevitaw li joperaw f'sajlos; isaħħu l-isforzi għall-ġlieda kontra l-indħil barrani fil-proċessi demokratiċi fil-pajjiżi sħab tal-UE, inkluż permezz tat-tixrid ta' diżinformazzjoni manipulattiva, u jespandu r-riżorsi u l-għarfien espert fis-SEAE u fid-delegazzjonijiet tal-UE dwar id-diplomazija dwar il-klima;
- (u) jiżguraw li l-istruttura u l-persunal tas-SEAE jirriflettu b' mod adegwat il-ħtieġa kontinwa li jinbena u jinżamm għarfien espert ġeografiku, inkluż fil-kwartieri ġenerali, u relazzjonijiet bilaterali b'saħħithom ma' pajjiżi madwar id-dinja kollha, peress li dan huwa l-pedament għat-trawwim ta' alleanzi u sħubijiet reġjonali u multilaterali effettivi u biex l-UE tinbidel f'attur globali effettiv; jieħdu miżuri biex jiżguraw li l-azzjonijiet tas-SEAE jkunu infurmati b' mod xieraq u sostnuti minn għarfien espert kemm ġeografiku kif ukoll tematiku; jiżguraw li d-dipartimenti ġeografiċi fil-kwartieri ġenerali jkollhom persunal ottimali sabiex jipprovdur għarfien espert ta' kwalità u f' waqtu għal azzjonijiet tematiċi mfassla apposta madwar id-dinja;
- (v) jiżguraw li s-SEAE jasserixxi b' mod effettiv it-tmexxija tiegħu fil-passi strateġiċi għall-ipprogrammar pluriennali ta' strumenti ta' azzjoni esterna, inkluż l-istabbiliment ta' allokkazzjonijiet għall-pajjiżi u daww reġjonali u l-abbozzar tar-rieżami futur tagħhom ta' nofs it-terminu, u jiżguraw li għal dan l-għan is-SEAE jkollu l-viżjoni strateġika, l-għarfien espert, il-persunal u r-riżorsi biex imexxi;
- (w) itejbu l-flessibilità operazzjonali u l-koordinazzjoni tas-SEAE u tad-delegazzjonijiet tal-UE biex jirreaġixxu għal kwistjonijiet u sfidi emerġenti b' mod aktar rapidu u effettiv; jistabbilixxu sistema ta' twissija rapida biex is-SEAE u l-Parlament ikunu infurmati kif xieraq dwar is-sitwazzjonijiet fuq il-post;

- (x) jiżguraw li s-SEAE jkun jista' jagħżel u jirrekluta l-persunal diplomatiku permanenti tiegħu tal-UE; jiżviluppaw sistema għall-iżvilupp tal-karriera għad-diplomatiċi u l-uffiċjali tal-UE fis-SEAE sabiex jiġi żgurat bilanċ fil-karigi maniġerjali tas-SEAE;
- (y) jivvalutaw l-isfidi maħluqa mis-sekondar temporanju lis-SEAE ta' diplomatiċi tal-Istati Membri li aktar tard jirritornaw għas-servizzi diplomatiċi nazzjonali tagħhom;
- (z) itejbu l-koordinazzjoni interna bejn is-servizzi ġeografiċi u orizzontali tas-SEAE;
- (aa) jiżguraw li r-riżorsi finanzjarji disponibbli, l-għarfien espert tal-persunal u l-politika ta' reklutaġġ, inklużi r-rekwiżiti ta' kwalifiki aktar stretti għall-aktar pożizzjonijiet importanti, ikunu jaqblu mal-livell ta' ambizzjoni u jappoġġaw il-flessibbiltajiet operattivi meħtieġa sabiex is-SEAE jkun jista' jirreaġixxi f'ħin reali għall-isfidi ġeopolitiċi emerġenti; jiggarantixxu konformità sħiħa mal-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni tas-SEAE li jistipula li l-VP/RGħ għandu jiżgura l-unità, il-konsistenza u l-effikaċja tal-azzjoni esterna tal-UE, b'mod partikolari permezz tal-istrumenti ta' assistenza esterna; jiżguraw li s-SEAE jkollu riżorsi umani adegwati biex jiggarantixxi reazzjonijiet operazzjonali immedjati f'sitwazzjonijiet ta' prijorità;
- (ab) jirrevedu l-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni tas-SEAE biex jitneħħew ir-referenzi skaduti u jqisu l-istrumenti applikabbli fil-perjodu 2021-2027, b'mod partikolari l-NDICI-Ewropa Globali;
- (ac) isaħħu l-viżibbiltà tal-azzjoni u l-assistenza tal-UE fil-fora multilaterali kollha u fuq il-post, pereżempju permezz tal-programm "Tim Ewropa" li indirizza l-effetti devastanti tal-kriżi tal-COVID-19 fil-pajjiżi u r-reġjuni sħab, b'mod partikolari fl-Afrika;
- (ad) iżidu l-viżibbiltà tal-UE u jxerrdu l-fehim tal-interessi, il-pożizzjonijiet u l-azzjonijiet tal-UE; jgħammru b'mod urġenti lis-SEAE u, b'mod partikolari, lid-delegazzjonijiet tal-UE bl-għodod biex iżidu l-attivitajiet tad-diplomazija pubblika u tad-diplomazija kulturali u jiżviluppaw il-kapaċitajiet ta' komunikazzjoni strateġika tagħhom, li jippermettilhom jikkomunikaw b'mod aktar effettiv kemm ma' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet kif ukoll mal-pubbliku ġenerali f'pajjiżi terzi, u b'mod partikolari biex jiġġieldu d-diżinformazzjoni u l-propaganda; iqisu l-ħtieġa dejjem akbar li jiġu miġġielda l-ispjunaġġ u l-influwenza barranija malizzjuża, li qed jintużaw dejjem aktar biex jimminaw l-ordni demokratiku fl-Unjoni u fil-pajjiżi fil-viċinanza tal-Unjoni; iżidu l-parteċipazzjoni tad-delegazzjonijiet tal-UE fil-media soċjali, fit-TV u fid-dibattiti, inkluż fil-lingwi lokali, sabiex jinvolvu ruħhom fil-ġlieda kontra n-narrattivi sabiex jiġu antiċipati l-kampanji ta' diżinformazzjoni; jiċċaraw ir-rwoli tad-delegazzjonijiet u tal-kwartieri ġenerali fil-kisba ta' dan l-għan; jibnu l-kapaċità biex jiżguraw is-sikurezza tal-persunal tad-Delegazzjonijiet tal-UE, inklużi l-membri tal-familja tagħhom, meta jissemew fil-propaganda jew ikunu soġġetti għal fastidju u intimidazzjoni fil-pajjiż fejn ikunu qed iservu; itejbu l-fluss tal-informazzjoni u l-koordinazzjoni bejn il-kwartieri ġenerali tas-SEAE u d-delegazzjonijiet tal-UE, kif ukoll bejn id-

delegazzjonijiet fuq livell reġjonali;

- (ae) isaħħu l-kooperazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa, speċjalment mal-Ftehim Parzjali Miftuħ dwar ir-Rotot Kulturali Ewropej tal-Kunsill tal-Ewropa, li, minbarra l-importanza kulturali u turistika tiegħu għall-Istati Membri tal-UE, huwa wkoll strument istituzzjonali għat-tisħiħ tar-relazzjonijiet kulturali ma' pajjiżi terzi u għall-preservazzjoni tal-wirt kulturali kondiviż tagħhom;

***L-irfinar tal-għodod u t-tisħiħ tas-sett tal-għodod***

- (af) ittemmu d-duplikazzjoni tal-persunal, tar-riżorsi u tar-responsabbiltà tal-Kummissjoni u tas-SEAE fid-delegazzjonijiet tal-UE; jikkonvertu d-delegazzjonijiet tal-UE f'ambaxxati ġenwini tal-UE, b'katina waħda ċara ta' kmand għall-persunal tagħhom, inklużi l-uffiċjali tal-Kummissjoni, immexxija mill-ambaxxatur tal-UE għall-pajjiż u taħt ir-responsabbiltà unika tas-SEAE li jaħdem f'koordinazzjoni mill-qrib mar-rappreżentanti diplomatiċi tal-Istati Membri; isaħħu l-koordinazzjoni, il-kooperazzjoni u l-ħidma politika konġunta mar-Rappreżentanti Speċjali tal-UE, il-missjonijiet tal-PSDK jew l-uffiċċji tal-Bank Ewropew tal-Investment, li għandhom ikunu akkumpanjati minn aktar koordinazzjoni fil-kwartieri ġenerali u struzzjonijiet unifikati fuq il-post; isaħħu l-awtorità tal-kapijiet tad-delegazzjonijiet fuq il-persunal tad-delegazzjonijiet, indipendentement mill-oriġini tagħhom, sabiex ikunu jistgħu jiddistribwixxu mill-ġdid il-kompiti skont il-prijoritajiet tal-UE; jiżguraw li d-delegazzjonijiet ikollhom u jkunu jistgħu jużaw għarfien espert settorjali fl-oqsma tal-politika rilevanti għar-relazzjonijiet bilaterali mal-pajjiż sieħeb rispettiv fil-ħidma politika tagħhom; jaħdmu biex jinġabru flimkien ir-riżorsi tal-istituzzjonijiet tal-UE u tiġi żgurata preżenza unifikata tal-UE f'kull pajjiż, u jiġbru flimkien taħt l-istess saqaf lill-atturi differenti tal-UE preżenti; jinkoraġġixxu aktar ħidma u inizjattivi konġunti fil-livell tal-pajjiż biex tiżdied l-influenza politika u l-viżibbiltà tal-UE fil-pajjiżi sħab;
- (ag) isaħħu s-sezzjonijiet politiċi, tal-istampa u tal-informazzjoni tad-Delegazzjoni tal-UE madwar id-dinja, filwaqt li jiżguraw li jkollhom persunal, għarfien espert u riżorsi finanzjarji suffiċjenti u xierqa biex jipprovdu analiżi politika f'waqtha u ta' kwalità tajba u rappurtar lill-kwartieri ġenerali, jinvolvu ruħhom b'mod sinifikanti mal-atturi lokali, jibnu alleanzi b'saħħithom, inkluż fil-livell reġjonali u multilaterali, u jżidu l-fehim tal-UE, u l-viżibbiltà u l-profil politiku tagħha;
- (ah) jagħtu lid-delegazzjonijiet tal-UE f'pajjiżi terzi r-riżorsi u l-għarfien espert meħtieġa biex jiżguraw l-effettività tal-iżvilupp billi jinvolvu ruħhom fi djalogu ekwu mal-pajjiżi sħab, inkluża s-soċjetà ċivili, u jidentifikaw il-prijoritajiet speċifiċi għall-iżvilupp ta' kull pajjiż u jipprovdu appoġġ dirett kif xieraq permezz tal-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp;
- (ai) jistabbilixxu l-funzjoni konsulari tal-ambaxxati tal-UE f'pajjiżi terzi u jsaħħu u jiżguraw il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn l-ambaxxati tal-Istati Membri tal-UE u d-delegazzjonijiet tal-UE fil-pajjiżi terzi, b'mod partikolari fil-pajjiżi fejn l-Istati Membri ma għandhomx rappreżentanza konsulari; jipprovdu lid-delegazzjonijiet mezzi suffiċjenti biex ikunu jistgħu jassistu b'mod aktar effettiv

liċ-ċittadini tal-UE, inkluż fi żminijiet ta' kriżi, fost l-oħrajn lil dawk li jkunu qed jiffaċċjaw proċedimenti kriminali u dawk fil-ħabs jew ikkundannati għall-mewt;

- (aj) jiżguraw li d-delegazzjonijiet tal-UE jipprovdu kontinwazzjoni effettiva għall-ħidma mwettqa mill-Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali tal-UE, inkluż segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tagħhom u monitoraġġ tal-iżviluppi lokali rilevanti għall-ħidma tagħhom matul il-perjodi bejn il-missjonijiet;
- (ak) jappoġġjaw liċ-Ċentru tal-UE ta' Rispons għall-Kriżijiet fil-koordinazzjoni tar-rispons tal-ambaxxati u tad-delegazzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri u s-servizzi li joffru liċ-ċittadini tal-UE fi żminijiet ta' kriżi;
- (al) jiżguraw li ċ-Ċentru ta' Rispons għall-Kriżijiet tas-SEAE jkollu r-riżorsi xierqa, inklużi r-riżorsi finanzjarji u umani, sabiex ikun jista' jilħaq l-oġġettivi tiegħu b'mod effettiv u effiċjenti, b'mod partikolari minħabba li s-servizzi pprovduti huma sensitivi għaż-żmien u jeħtieġu reazzjonijiet rapidi;
- (am) jikkunsidraw li titwaqqaf sistema għall-fluss kontinwu ta' intelligence mill-Istati Membri lejn is-SEAE dwar kwistjonijiet barranin u ta' sigurtà li jseħħu barra mill-Unjoni; itejbu l-protokoll ta' sigurtà tas-servizzi li jaħdmu fuq l-intelligence u/jew b'informazzjoni sensitiva;
- (an) jimmassimizzaw il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni mal-presidenza b'rotazzjoni u l-ministri tal-affarijiet barranin tal-Istati Membri, inkluż billi jafdawhom b'kompiti u missjonijiet speċifiċi f'isem l-Unjoni sabiex jiġu żgurati l-impenn politiku, il-viżibbiltà u l-unità xierqa tal-UE;
- (ao) jadattaw il-kamp ta' applikazzjoni u l-mandat tal-korpi preparatorji rilevanti tal-Kunsill li jittrattaw kwistjonijiet ta' politika barranija għall-kompiti tar-Rappreżentant Għoli u għall-istruttura tas-SEAE; joħolqu tali korp b'mod partikolari għat-twettiq tal-prattika relatata mal-protokoll; joħolqu struttura ta' appoġġ dedikata fi ħdan is-SEAE biex tkopri l-kwistjonijiet orizzontali kollha marbuta mar-Rappreżentanti Speċjali tal-UE, inkluż ir-Rappreżentant għad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Mibgħut Speċjali tal-UE għall-Promozzjoni tal-Libertà ta' Reliġjon jew ta' Twemmin, il-Mibgħut Speċjali tal-UE għal Kwistjonijiet tal-Artiku u l-Mibgħut Speċjali tal-UE għan-Nonproliferazzjoni u d-Diżarm u l-implimentazzjoni tal-mandat tagħhom; jintegraw bis-sħiħ lir-Rappreżentanti Speċjali u l-Mibgħuta tal-UE bħala Ambaxxaturi tal-UE fi ħdan l-istruttura tas-SEAE u jpoġġuhom taħt l-awtorità unika tar-Rappreżentant Għoli;
- (ap) jikkunsidraw li jippożizzjonaw mill-ġdid ir-rwol tal-Mibgħut Speċjali tal-UE għall-Promozzjoni tal-Libertà ta' Reliġjon jew ta' Twemmin – li dalwaqt se jinħatar – taħt l-awtorità tas-SEAE, jew, jekk dan ma jkunx fattibbli, jipprevedu relazzjoni ta' ħidma eċċezzjonalment mill-qrib bejn il-Mibgħut Speċjali u s-SEAE;
- (aq) isaħħu b'mod adegwat l-unità għall-infurzar tas-sanzjonijiet tas-SEAE billi jipprovdu l-mezzi u l-persunal meħtieġa, minħabba l-importanza dejjem tikber tas-sanzjonijiet fil-kuntest ġeopolitiku l-ġdid;

- (ar) jistiednu lis-SEAE jikkunsidra l-aġġornament tal-Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea tal-2016 filwaqt li jieħdu kont tal-Boxxla Strateġika tal-UE u l-ħtieġa li tittieħed azzjoni b'mod integrat dwar il-PSDK; jadottaw programm ta' ħidma bi prijoritajiet politiċi fil-bidu ta' kull mandat, li jiddeskrivi, b'mod partikolari, il-pjanijiet għall-integrazzjoni tal-politika barranija tal-UE u d-dimensjoni esterna tal-politiki interni tal-UE; jinkarigaw lis-SEAE jwettaq rieżami strateġiku regolari tad-dokument;
- (as) iżidu l-effettività tal-laqgħat tad-Djalogu dwar id-Drittijiet tal-Bniedem billi jiżguraw il-parteċi-pazzjoni attiva tas-soċjetà ċivili, billi jqajmu l-passi li jmiss – u jaqblu dwarhom – biex jiġi indirizzat il-ksur prevalenti tad-drittijiet tal-bniedem, u billi jwettaq valutazzjoni komprensiva tal-progress fuq impenji preċedenti;
- (at) itejbu d-diplomazija preventiva tal-Unjoni Ewropea bħala għodda proattiva ta' politika esterna biex tipprevjeni t-tilwim mal-pajjiżi terzi u bejn pajjiżi terzi u biex tillimita l-konsegwenzi meta jinqalgħu l-kunflitti;
- (au) jiżguraw li d-delegazzjonijiet tal-UE jsegwu r-risoluzzjonijiet ta' urġenza tal-Parlament, jistiednu lill-awtoritajiet jindirizzaw il-problemi enfasizzati fir-risoluzzjonijiet u jipprovdu appoġġ lis-soċjetà ċivili u atturi oħra li d-drittijiet tagħhom ġew miksur; isaħħu l-kapaċità tal-punti fokali tad-drittijiet tal-bniedem fid-delegazzjonijiet tal-UE għal dan l-għan;
- (av) isaħħu l-attivitajiet tas-SEAE dwar il-protezzjoni tal-wirt kulturali u d-djalogu interreliġjuż permezz tal-ħidma tad-delegazzjonijiet tagħha u f'koordinazzjoni mal-missjonijiet diplomatiċi u l-istituti kulturali nazzjonali tal-Istati Membri;
- (aw) jiżviluppaw strument tal-UE li jkollu s-sura tal-wieċ kulturali tal-Unjoni madwar id-dinja permezz ta' azzjoni ta' diplomazija kulturali u relazzjonijiet kulturali internazzjonali bbażati fuq qafas ta' kooperazzjoni kulturali u kokreazzjoni, li jinvolvi b'mod attiv is-soċjetà ċivili u s-setturi kulturali fil-pajjiżi terzi; iqisu l-fatt li dan l-istrument jista' jkollu l-għan li jippromwovi l-UE madwar id-dinja, jipprovdi assistenza tal-UE għall-bini tal-kapaċità, kif ukoll assistenza finanzjarja, lis-setturi kulturali, kreattivi u innovattivi tas-soċjetà ċivili tal-pajjiżi terzi; jiżguraw li dan l-istrument jinkludi l-promozzjoni tad-djalogu interkulturali, il-mobbiltà tal-artisti u l-professjonisti kulturali bejn l-UE u l-pajjiżi terzi u l-għieda kontra d-diżinformazzjoni; jiżguraw li dan is-sett ta' għodod jinkludi l-kooperazzjoni mill-qrib mal-Istituti Nazzjonali tal-Unjoni Ewropea għall-Kultura (EUNIC), kif ukoll ma' sħab tal-istess fehma u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-UNESCO, abbażi tal-esperjenza tagħhom;
- (ax) jadattaw l-organizzazzjoni tas-SEAE u s-servizzi korrispondenti tal-Kummissjoni għal ħtiġijiet strateġiċi ġodda li jirriżultaw mill-kuntest ġeopolitiku ġdid mingħajr aktar dewmien, b'attenzjoni speċjali għall-Artiku, u fost l-oħrajn fir-rigward tal-istrateġija tal-Global Gateway tal-UE, id-diplomazija klimatika u diġitali, l-Amerika Latina, l-Asja Ċentrali u l-Indo-Paċifiku; jippermettu mandati flessibbli sabiex ikun jista' jirreaġixxi fil-pront għal theddid eżistenti u ġdid, u emerġenti;
- (ay) jimplimentaw bis-ših il-mandat tar-Rappreżentant Għoli fil-kapaċità tiegħu ta'



Viçi President tal-Kummissjoni sabiex jiżguraw il-konsistenza tal-azzjoni esterna tal-UE u l-kompitu tas-SEAE li jappoġġa lir-Rappreżentant Għoli f'dan ir-rwol; għal dan l-għan, isaħħu r-rwol ta' koordinazzjoni tas-SEAE sabiex jiżguraw il-konsistenza tal-azzjoni esterna tal-UE, inkluż fir-rigward tal-istrutturi organizzattivi tal-Kummissjoni, sabiex jitnaqqsu l-kumplessità u d-duplikazzjoni istituzzjonali, u jiżiedu l-effiċjenza u l-koerenza tal-politika esterna tal-UE; ibiddlu l-isem tal-pożizzjoni tal-VP/RGħ għal Kummissarju għall-Affarijiet Barranin;

- (az) isaħħu b'mod sinifikanti u urġenti l-Kapaċità Militari tal-Ippjanar u t-Tmexxija (MPCC) tal-Unjoni, li għandha tkun l-istruttura ppreferuta ta' kmand u kontroll, inkluż ukoll għal operazzjonijiet militari eżekuttivi u b'mod partikolari għal operazzjonijiet tal-kapaċità futura ta' skjerament rapidu; jilħqu minnufih il-kapaċità operattiva sħiħa tal-MPCC, inkluż li jkun hemm żieda konsiderevoli fil-persunal b'sa 250 membru tal-persunal kif ukoll titjib tal-infrastruttura u t-tagħmir, f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2018, li stabbilixxew l-2020 bħala skadenza għal dan;
- (ba) jiżguraw li t-“Tim Ewropa” jkun aktar minn slogan u jikseb riżultati fil-post; itejbu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn id-delegazzjonijiet tal-UE u l-missjonijiet tal-PSDK tal-UE f'pajjiż terz partikolari; jikkunsidraw il-missjonijiet tal-Parlament barra mill-UE bħala parti sħiħa mill-politika esterna tal-UE, li għalhekk iridu jgawdu l-appoġġ sħiħ tad-delegazzjonijiet tal-UE barra mill-UE;
- (bb) jiddedikaw riżorsi xierqa għal oqsma ta' diplomazija settorjali b'dimensjonijiet esterni importanti, b'mod partikolari fil-qasam tal-protezzjoni ambjentali u tal-għlieda kontra t-tibdil fil-klima, tal-ġeneru u l-ugwaljanza, fil-qasam diġitali, taż-żgħażaġh, tal-kultura, tax-xjenza u tal-edukazzjoni, kif ukoll tal-governanza ekonomika u monetarja, tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt;

### ***Żieda fil-leġittimità***

- (bc) jirrevedu d-Dikjarazzjoni dwar ir-Responsabbiltà Politika tal-2010 u b'hekk jipprovdur lill-Parlament il-mezzi biex jaqdi bis-sħiħ ir-rwol tiegħu fl-azzjoni esterna tal-Unjoni, inklużi l-funzjonijiet tiegħu ta' kontroll politiku kif previst fl-Artikoli 14(1) u 36 tat-TUE;
- (bd) ikomplu bl-isforzi biex jagħtu ħaġġa għida lill-persunal tas-SEAE u jiżviluppaw korp diplomatiku Ewropew permanenti u speċjalizzat mill-bidu nett, permezz ta' kompetizzjonijiet miftuħa speċjalizzati u mmirati ffukati fuq ir-reklutaġġ ta' gradwati żgħażaġh b'talent, ħiliet u potenzjal xierqa;
- (be) jipprovdur lis-SEAE mandat politiku xieraq li jagħtih rwol reali u sostanzjali fit-tfassil u t-tmexxija tal-ippjanar tal-politika lil hinn mill-fokus primarju attwali tiegħu fuq ir-rwol tiegħu li jiffoka fuq Brussell, li jfittex kunsens u li jimmaniġġja;
- (bf) jipromwovu taħriġ komuni u miżuri konkreti oħra għall-konsolidazzjoni ta' kultura diplomatika komuni tal-UE u livell oġhla ta' għarfien espert fost il-persunal kollu tas-SEAE li għandhom sfondi diplomatiċi, kulturali u istituzzjonali differenti, li għandhom jinkludu taħriġ dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, it-tiħiħ



tal-pożizzjoni tan-nisa u l-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u t-Tiŝih tal-Pożizzjoni tan-Nisa fir-Relazzjonijiet Esterni 2020-2025 (GAP III), dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà, dwar l-isfruttament u l-abbuż sesswali, inkluż il-fastidju sesswali, fil-kwartieri ġenerali u fid-delegazzjonijiet tal-UE, sabiex jiġi miġġieled il-preġudizzju inkonxju u jissaħħu l-ugwaljanza, id-diversità u l-inklużjoni bejn il-ġeneri; jinkoraġġixxu kooperazzjoni aktar mill-qrib mas-servizzi diplomatiċi u d-diplomatiċi nazzjonali tal-Istati Membri tal-UE u l-prattika ta' taħriġ konġunt u skambji ta' esperjenza u Prattika tajba bħala parti mill-iżvilupp professjonali kontinwu tagħhom u biex jikkontribwixxu aktar għal immaġni unifikata tal-UE fir-relazzjonijiet esterni;

- (bg) itejbu t-taħriġ għall-persunal tad-delegazzjonijiet tal-UE dwar il-Linji Gwida tal-UE dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tal-libertà ta' reliġjon jew ta' twemmin, speċjalment fir-rigward taż-żieda fl-enfasi fuq il-fehim ta' aspetti reliġjużi speċifiċi tal-pajjiż ikkonċernat, inkluż ukoll fuq il-komponenti strutturali tiegħu bħall-istrutturi ta' governanza, il-ġustizzja u s-sistema legali u r-rabta bejn l-istat u r-reliġjon jew it-twemmin;
- (bh) jippermettu awtonomija funzjonali sħiħa tas-SEAE f' termini tar-reklutaġġ u l-karrieri fi ħdan l-istruttura tiegħu, inkluż għall-pożizzjonijiet tal-uffiċċju tal-VP/RGħ; jieħdu passi biex jiżguraw li s-sekondar mill-Istati Membri mas-SEAE jkun pass attraenti fil-karriera;
- (bi) isaħħu u jinforzaw ir-regoli dwar l-impjieg ta' wara l-karriera pubblika tal-persunal tas-SEAE u tal-delegazzjonijiet tal-UE u jeżerċitaw skrutinju strett biex jevitaw il-kunflitt ta' interess u revolving doors; jadottaw u jimplementaw mingħajr aktar dewmien id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni awtonomi fil-qasam tal-attivitajiet u tal-inkarigi esterni, li joħlqu bażi ġuridika *sui generis* għall-kapijiet tad-delegazzjonijiet biex jiproteġu aħjar id-dehra u r-reputazzjoni tal-UE fit-totalità tagħha; irawmu kultura ta' integrità fi ħdan is-SEAE u d-delegazzjonijiet tal-UE billi jrawmu l-għarfien u l-fehim tar-regoli tal-etika min-naħa tal-persunal; jiżguraw li tali regoli japplikaw ukoll għad-detenturi attwali u preċedenti tal-mandat li jmexxu l-pożizzjonijiet fl-affarijiet esterni tal-UE;
- (bj) jiżguraw li l-ħatra tar-rappreżentanti speċjali tal-UE, tar-rappreżentanti tal-UE u tal-ambaxxaturi għall-UE tista' tiġi kkonfermata biss wara valutazzjoni pożittiva mill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin tal-Parlament;
- (bk) jappoġġjaw bis-sħiħ u jiżviluppaw il-proġett pilota "Lejn Akkademja Diplomatika Ewropea", li ġie estiż b'sena sabiex jiġu integrati dawn il-funzjonijiet fi ħdan strutturi organizzattivi permanenti; jiżguraw it-trasparenza tal-kriterji ta' reklutaġġ għall-parteċipanti f'dan il-programm u li jiġu allokati biżżejjed riżorsi għal dan il-proġett sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva u f'waqtha, inkluż ukoll għall-ħidma biex tiġi stabbilita struttura permanenti għall-Akkademja Diplomatika Ewropea; jiżguraw l-istabbiliment ta' struttura permanenti għall-Akkademja Diplomatika Ewropea, li għandha tiffoka fuq gruppi fil-mira differenti bħala parteċipanti futuri; iqisu l-fatt li anke jekk fil-fażi inizjali tagħha l-Akkademja tista' tiffoka fuq l-ispeċjalizzazzjoni professjonali tad-diplomatiċi nazzjonali, m'għandux jiġi eskluż li fil-ġejjieni jkun hemm sistema ta' selezzjoni

għall-għażla, ir-reklutaġġ u t-taħriġ ta' Ewropej li ma jkunux diplomatiċi tal-Istati Membri u li jkunu lestew l-edukazzjoni għolja; jiddeterminaw modi għall-gradwati tal-Akkademja Diplomatika Ewropea biex jingħaqdu mas-SEAE u biex ikollhom il-possibbiltà li jsiru persunal permanenti tas-SEAE;

- (bl) jiżguraw li l-gradwati tal-Akkademja jiksbu ħiliet u kompetenzi komuni biex jippromwovu u jiddefendu b'mod effettiv il-prinċipji u l-interessi tal-UE fid-dinja permezz ta' istruzzjoni dwar il-kwistjonijiet kollha, inklużi, fost l-oħrajn, id-diplomazija pubblika u kulturali, ekonomika, klimatika, diġitali u ċibernetika, mirfuda minn kultura diplomatika komuni u *esprit de corps* reali;
- (bm) jipprovdu lill-VP/RGħ l-ispazju u l-appoġġ meħtieġa biex jimplementa l-politika esterna tal-UE b'mod effettiv u f'waqtu sabiex din il-politika tal-UE tkun aktar minn sempliċiment somma tal-partijiet tagħha u biex il-persuna li jkollha dak l-uffiċċju tkun il-vuċi unika tal-politika esterna tal-UE madwar id-dinja, appoġġata mill-piż tal-istituzzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri;
- (bn) iżidu l-aċċess tal-Parlament għad-dokumenti, peress li skambju formali aħjar tal-informazzjoni jtejjeb il-kooperazzjoni u l-fehim bejn l-istituzzjonijiet; jaġġornaw il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Novembru 2002 bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-aċċess mill-Parlament Ewropew għal informazzjoni sensitiva tal-Kunsill fil-qasam tal-politika tas-sigurtà u tad-difiża<sup>8</sup>, jaċċettaw l-involvement attiv tal-Parlament fil-politika barranija tal-UE permezz tal-istrumenti speċifiċi tiegħu, l-importanza u n-natura unika tal-programmi ta' demokratizzazzjoni tal-Parlament, bħad-“Djalogu Jean Monnet” li għandu l-għan li jrawwem u jsaħħaħ il-ħidma tal-parlamenti; iħeġġu lill-istituzzjonijiet kollha tal-UE jipparteċipaw u jaħdmu flimkien f'attivitajiet li għandhom l-għan li jikkontrobattu r-rigress globali tad-demokrazija, inkluż permezz tal-osservazzjoni elettorali, l-attivitajiet ta' medjazzjoni u djalogu, il-prevenzjoni tal-kunflitti, l-għoti u n-network tal-Premju Sakharov kif ukoll id-diplomazija parlamentari; jippromwovu t-tisħiħ tal-qafas tar-relazzjonijiet interistituzzjonali bejn il-Parlament u s-SEAE, inklużi d-delegazzjonijiet tiegħu, permezz ta' ftehim qafas, li jista' jsaħħaħ id-diplomazija parlamentari u jsaħħaħ is-sett ta' għodod tal-UE għall-azzjoni esterna;
- (bo) jieħdu passi serji u sostenibbli biex itejbu l-bilanċ bejn is-sessi fi ħdan is-SEAE, b'mod partikolari fil-maniġment superjuri u l-pożizzjonijiet politiċi; jiżguraw tmexxija attenta għall-kwistjonijiet tal-ġeneru u bbilanċjata mil-lat tal-ġeneru li żżid l-għadd u l-perċentwal tan-nisa f'pożizzjonijiet maniġerjali superjuri u intermedji fis-servizzi tas-SEAE permezz ta' proċeduri ta' reklutaġġ reattivi għall-kwistjonijiet tal-ġeneru li għandhom l-għan attiv li jnaqqsu l-preġudizzju bejn il-ġeneri fil-proċessi tar-reklutaġġ u japplikaw għażla preferenzjali abbażi tal-ġeneru meta l-kandidati għall-impjeg ikunu ugwalment kompetenti;
- (bp) jaġġornaw l-Istrateġija tas-SEAE dwar il-Ġeneri u l-Opportunitajiet Indaq 2018-2023 billi jinkludu impenji politiċi konkreti, li jistgħu jitkejlu u vinkolanti dwar il-preżenza tan-nisa fil-pożizzjonijiet maniġerjali f'konformità mal-miri u l-oġġettivi tal-GAP III u billi jinkludu miri tad-diversità, speċjalment fir-rigward tar-razza, il-

---

<sup>8</sup> ĠU C 298, 30.11.2002, p. 1.

kapaċità u l-isfond etniku;

(bq) jieħdu passi serji u sostenibbli biex itejbu l-bilanċ ġeografiku fi ħdan is-SEAE fil-livelli kollha, b'mod partikolari fil-pożizzjonijiet tal-maniġment superjuri u ta' kapijiet tad-delegazzjonijiet tal-UE; jieħdu miżuri biex jiżguraw diversità ġeografika akbar tal-persunal fid-dipartimenti u d-delegazzjonijiet tal-UE u jipprevjenu r-rappreżentanza żejda ta' xi Stati Membri;

o

o o

2. Jagħti iSTRUZZJONIJET lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-rakkomandazzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI  
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

<b>Data tal-adozzjoni</b>	28.2.2023
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+ :                    42 - :                    8 0 :                    2
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Maria Arena, Petras Auštrevičius, Traian Băsescu, Susanna Ceccardi, Włodzimierz Cimoszewicz, Anna Fotyga, Kinga Gál, Bernard Guetta, Dietmar Köster, David Lega, Miriam Lexmann, Leopoldo López Gil, Antonio López-Istúriz White, Jaak Madison, Fulvio Martusciello, David McAllister, Vangelis Meimarakis, Sven Mikser, Francisco José Millán Mon, Javier Nart, Matjaž Nemeč, Urmas Paet, Demetris Papadakis, Kostas Papadakis, Tonino Picula, Giuliano Pisapia, Nacho Sánchez Amor, Mounir Satouri, Andreas Schieder, Radosław Sikorski, Jordi Solé, Tineke Strik, Dominik Tarczyński, Dragoş Tudorache, Thomas Waitz, Isabel Wiseler-Lima, Salima Yenbou, Bernhard Zimniok, Željana Zovko
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Attila Ara-Kovács, Udo Bullmann, Manolis Kefalogiannis, Andrey Kovatchev, Georgios Kyrtos, Katrin Langensiepen, Gabriel Mato, Bert-Jan Ruissen, Mick Wallace, Milan Zver
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Theresa Bielowski, Aušra Maldeikienė, Katarína Roth Neved'alová

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

42	+
PPE	Traian Băsescu, Manolis Kefalogiannis, Andrey Kovatchev, David Lega, Miriam Lexmann, Leopoldo López Gil, Antonio López-Istúriz White, David McAllister, Aušra Maldeikienė, Fulvio Martusciello, Gabriel Mato, Vangelis Meimarakis, Francisco José Millán Mon, Radosław Sikorski, Isabel Wiseler-Lima, Željana Zovko, Milan Zver
Renew	Petras Auštrevičius, Bernard Guetta, Georgios Kyrtos, Javier Nart, Urmas Paet, Dragoș Tudorache, Salima Yenbou
S&D	Attila Ara-Kovács, Maria Arena, Theresa Bielowski, Udo Bullmann, Włodzimierz Cimoszewicz, Dietmar Köster, Sven Mikser, Matjaž Nemeč, Demetris Papadakis, Tonino Picula, Giuliano Pisapia, Nacho Sánchez Amor, Andreas Schieder
Verts/ALE	Katrin Langensiepen, Mounir Satouri, Jordi Solé, Tineke Strik, Thomas Waitz

8	-
ECR	Anna Fotyga, Bert-Jan Ruissen, Dominik Tarczyński
ID	Jaak Madison, Bernhard Zimniok
NI	Kinga Gál, Kostas Papadakis
The Left	Mick Wallace

2	0
ID	Susanna Ceccardi
S&D	Katarína Roth Neveďalová

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni